MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Numru. 1065/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Christopher Ryan**

Kumpilazzjoni Nru: 1065/2011

Illum, 20 ta’ Settembru, 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Ryan ta’ 17 il-sena, bin Mark u Sandra nee’ Grech, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Gunju, 1994 u residenti gewwa 80 Flat 7, Triq Merkanti, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 297494M

Akkuzat talli nhar l-14 ta’ Settembru 2011, ghall-habta tas-18:15 ta’ wara nofs inhar gewwa Triq San Pawl, il-Belt Valletta, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta’ Antonia Miruzzi, anzjana ta’ 64 sena, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329,37).

Rat l-artikoli 37, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-eta tal-vittma, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikrui ta’ dawn il-proceduri, l-eta ta’l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 37, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu

ta’ sentejn (2). In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lill-parte leza is-somma ta’ mitejn u hamsin Euro (€250), u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ supervizjoni ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------